4 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Michael Cachia *versus* S.A.C. Denis Jacques

## Ċitazzjoni — Dikjarazzjoni fiċ-Ċitazzjoni — Danni — Liberazzjoni "ab observantia"

*F'każ li d-domanda fiċ-ċitazzjoni trid tkun preċeduta minn domanda għal dikjarazzjoni li fuqha hija bażata t-talba prinċipali, mhux biżżejjed li fiċ-ċitazzjoni jingħad li għandha tingħata kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja; imma jeħtieġ li dik id-dikjarazzjoni tintalab espressament.*

*In-nuqqas ta' din it-talba għad-dikjarazzjoni, però, ma jġibx neċessarjament għall-liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju. Ir-regola hi illi d-domandi prinċipali għandhom ikunu preċeduti minn domanda għal dikjarazzjoni, jew mad-domandi prinċipali għandhom jiżdiedu domandi għal dikjarazzjonijiet, meta il-fatt li dwaru tintalab id-dikjarazzjoni jkun ġie negat jew kontrastat mill-konvenut, u għal-hekk id-domanda għad-dikjarazzjoni tkun ġiet provokata minnu; jew meta d-dikjarazzjoni tkun indispensabbilment neċessarja għall-propożizzjoni tad-domanda prinċipali. F'kull każ ieħor, hija biżżejjed il-prova tal-fatt, mingħajr ma jeħtieġ li l-ġudikant jiġi msejjaħ biex jagħti dikjarazzjoni li l-fatt ġie pruvat.*

*Għaldaqstant, jekk il-lokatur jitlob il-kundanna tal-konvenut biex iħallaslu somma li tiġi likwidata bħala danni għall-ħsarat li l-konvenut ħalla fil-fond li kien minnu okkupat bħala inkwilin, ma hemmx bżonn li*

*dik id-domanda tkun preċeduta minn domanda biex jiġi dikjarat li l-konvenut huwa responsabbli ta' dik il-ħsara; u fin-nuqqas ta' domanda għal din id-dikjarazzjoni ta' responsabilità tal-konvenut, ma hemmx lok li dan jiġi liberat "ab observantia"; għax ir-responsabilità tiegħu bħala kniwilin, għalkemm tkun minnu negata, għad-danni pretiżi mill-lokatur, jekk verament jeżistu d-danni, toħroġ mill-liġi stess, jekk jirriżulta li dawk id-danni saru fiż-żmien li huwa kien jiddetjeni b'lokazzjoni l-fond inkwistjoni.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li jippremetti illi huwa jikri bħala "furnished" lill-konvenut il-post numru 42 Carmel Street, Tarxien, bil-kera ta' £7 fix-xahar, liema kera jagħlaq kull l-aħħar tax-xahar; u illi l-konvenut, meta ħareġ minn dan il-post, mhux talli ma nfurmahx li kien ħiereġ, imma ħalla ħafna ħsara fil-mobilja kif ukoll fil-post, kif jiġi pruvat waqt il-kawża; jitlob illi, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, il-konvenut, għar-raġunijiet premessi, (1) jiġi kundannat iħallas lill-attur, in linea ta' danni, dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo per mezz ta' periti eliġendi, (2) u jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £7, import ta' xahar kera, u dan peress li huwa naqas li jinfurmaħ li kien sejjer jivvaka l-post in kwistjoni kif titlob il-liġi. Bl-imgħax legali minn notifika ta' din iċ-ċitazzjoni sal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, rigward l-ewwel domanda;

Illi preliminarment il-konvenut jitlob, rigward din id-domanda, li jiġi liberat "ab observantia", għaliex l-attur ma talabx id-dikjarazzjoni tar-responsabilità tal-istess konvenut għad-danni minnu pretiżi. Il-perit legali ssottometta li din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli, għaliex għalkemm l-attur ma talabx espressament din id-dikjarazzjoni, meta ppremetta fiċ-ċitazzjoni li għandha tingħata kwalunkwe dikja-

razzjoni necessarja, huwa ġie li nkluda d-dikjarazzjoni tar-responsabilità tal-konvenut għad-danni pretiżi;

Din il-Qorti ma taqbelx ma' din is-sottomissjoni tal-perit legali. Kif ġie deċiż (Qorti ta' Għawdex, 19 ta' Lulju 1867, "Mizzi vs. Farrugia", Giurisprudenza Giudice Cremona art. 175, pag. 291), "la clausola apposta nella fine della citazione, e cioè "dato sull'oggetto premesso qualunque analogo provvedimento e qualunque necessaria dichiarazione", non può in alcun modo supplire al difetto della domanda considerata dal convenuto come necessaria per la regolarità della citazione; poichè une simile vaga e generica clausola e inoperosa, giacchè esclude la chiarezza e certezza colle quali, a tenore degli articoli 143 e 175 Cod. Proc. Civ., devono nella citazione essere esposte le domande";

B'dan kollu, ma jidherx li hemm lok għall-liberatorja mitluba mill-konvenut. Infatti, kif ġie deċiż (App. 26 ta' Ottubru 1877, "Abdilla vs. Messina") "è di regola che le domande principali devono essere precedute da domande per dichiarazioni, od alle domande principali devono essere aggiunte domande per dichiarazioni, quando il fatto per cui si domanda la dichiarazione sia stato negato o messo in dubbio dal convenuto, e quindi da lui provocata; o quando la dichiarazione si riconosca indispensabilmente necessaria per la proposizione della domanda principale. In tutti gli altri casi è sufficiente la prova del fatto, senza alcuna necessità di implorare l'ufficio del giudice per una dichiarazione espressa di constare del fatto";

Issa, fil-fatt taħt konsiderazzjoni, id-dikjarazzjoni mitluba mill-konvenut mhix neċessarja għall-propożizzjoni tal-ewwel domanda; għaliex ir-responsabilità tiegħu bħala inkwilin, għalkemm minnu negata, għad-danni pretiżi mill-attur, jekk verament jeżistu dawn id-danni, toħroġ mill-liġi stess (art. 1650, 1652 Kod. Ċivili) għalihom, jekk jiġi pruvat li dawk id-danni saru fiż-żmien li huwa kien jiddetjeni

b'lokazzjoni l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Għalhekk, f'dan il-każ ma kienetx *neċessarja l-premessa tad-dikjarazzjoni* tar-responsabilità tal-konvenut għad-danni; għaliex din ir-responsabilità toħroġ weħedha jekk fil-fatt mill-provi jirriżulta li, meta l-konvenut ħalla l-post, huwa ħalla fih il-ħsarat imsemmija mill-attur;

Illi, fil-meritu għal din id-domanda, il-perit legali, kif assistit mill-perit espert, ikkonkluda......

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, waqt li tirrespinġi l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, tilqa' l-ewwel domanda, u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £9.7.3, bl-ispejjeż in kwantu għal ottav mill-attur u in kwantu għal sebgħa ottavi mill-konvenut; u tilqa' t-tieni domanda limitatament għas-somma ta' £3.10.0, bl-ispejjeż, in kwantu għal nofs *l-ammont li kien ikun taxxat* kieku l-attur intenta din id-domanda quddiem il-Qorti Ċivili Inferjuri, minn għand il-konvenut, u in kwantu għall-eċċess minn għand l-attur.